# Joseph Boffa
# Storja ta' 35 sena President



*1982 - 2017*

Gordon Dalli

Ħassejt li anniversajru bħal dan m'għandux jitħalla għaddej qisu qatt ma kien mill-pubblikazzjoni ta' din is-sena għax li tkun President ta' kwalunkwe Soċjetà għal ħamsa u tletin sena sħaħ huwa tragward li diffiċi jintlaħaq.

Infatti jidhirli li s-Sur Joseph Boffa huwa l-aktar president attwali li ilu jokkupa l-kariga tiegħu minn fost il-presidenti kollha tal-baned f'Malta u min jaf forsi wkoll fost l-għaqdiet kollha f'Malta.

Joe Boffa inħatar President tas-Soċjetà f'Jannar tas-sena 1982. Snin totalment differenti għas-Soċjetà De Paule. Il-prijoritajiet tas-Sur Boffa kienu li jqanqal interess fil-Banda ta' Raħal Ġdid li wara kollox kien l-ideal li għalih twaqqaf dan il-każin. Mal-ħatra tal-President Boffa ġiet il-ħatra ta' Mro. Joseph Xuereb bħala surmast u kiber l-interess tal-allievi u l-bandisti tal-lokal, li ta' min jgħid li ma kienx nieqes. Madankollu Joe Boffa kellu wkoll għal qalbu r-raħal u dak kollu li kien jagħmillu ġieħ u sinċerament ried li lil din is-Soċjetà isaħħaħha u jagħmilha popolari fost il-baned Maltin. Diffiċli fi ftit paġni nsemmi l-kisbiet ta' dan il-President ħabrieki iżda ser nipprova nelenka l-aqwa kisbiet tas-Soċjetà taħt il-presidenza tiegħu. Mhux dawk mużikali biss iżda wkoll aspetti oħra li huma ta' importanza kbira għas-Soċjetà De Paule.



L-ewwel nett bħala eks-bandist f'nofs is-snin tmenin ma niddejjaqx ngħid li qabel il-presidenza ta' Boffa l-Banda ma kinitx tingħata l-importanza meħtieġa. Is-swali ta' fuq tal-każin kienu jintużaw għall-attivitajiet oħra u l-każin xejn ma kien attraenti. Allura bħala l-ewwel kisbiet prinċipali taħt il-presidenza Boffa sa nsemmi dawk fil-qasam tal-mużika fil-Każin De Paule.

**Il-Banda De Paule**

Il-Banda De Paule li fl-1993 ġiet dedikata għall-patrun tal-parroċċa u bdiet tissejjaħ Banda Kristu Re gawdiet minn avvanz kbir taħt it-tmexxija tas-Sur Joseph Boffa. L-interess tiegħu fil-banda mill-ewwel ġie rifless fl-attività mużikali fil-każin u fir-raħal. Taħt it-treġija ta' Mro. Joseph Xuereb l-allievi u l-bandisti fis-snin tmenin komplew jiżdiedu. Il-banda bdiet iddoqq f'diversi rħula u festi madwar Malta. Il-Banda bdiet issir dejjem aktar popolari l-aktar għall-marċi u fl-1986 inġieb l-aktar surmast popolari ta' dak iż-żmien il-Mro. Andrew Coleiro, kompożitur tal-aqwa marċi ta' dik l-era. Fl-1987 saret qabża ta' kwalità u taħt is-Surmast Carmelo Caruana bdew isiru l-kunċerti klassiċi. Fl-1988 il-banda rebħet il-Konkors Nazzjonali tal-

Baned Maltin. Fl-1992 bdew isiru l-kunċerti annwali li komplew sal-lum. Inġiebu mużiċisti barranin bħala mistiedna speċjali u isem il-Banda Pawlista kompli jikber. Fl-1993 inħatar surmast ieħor ta' kalibru u fost l-aqwa ta' dak iż-żmien. Mro. Archibald Mizzi magħruf għal għadd kbir ta' marċi mill-aqwa. Matul is-snin disgħin il-Banda marret iddoqq erba' darbiet barra minn xtutna u fl-1993 kklassifikat fit-tieni post fil-Konkors tal-Baned u rebħet Konkors Internazzjonali fl-1994. Kienu s-snin fejn ġew introdotti l-*Home Concerts* li kienu jsiru fis-sede tas-Soċjetà f'okkażjonijiet differenti matul is-sena. Bħas-snin sittin taħt Mro. Joseph Stivala, is-snin disgħin kienu snin tad-deheb għal din il-banda. Dawn kienu żminijiet li saru diversi kunċerti memorabbli fosthom dak fl-okkażjoni tad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, dak fl-okkażjoni tat-375 sena mit-twaqqif ta' Paola u dak tal-festi tal-Millenju li saru f'Raħal Ġdid fost oħrajn. Is-snin elfejn raw il-banda għall-ewwel darba taħt id-direzzjoni ta' surmast Pawlist ex-alliev u bandist tal-istess banda, Mro. David Sammut, li kompla fuq il-passi ta' dawk ta' qablu u żamm isem il-banda fost l-aqwa fi xtutna.

### L-iskola tal-mużika

Tul il-presidenza twila tiegħu s-Sur Boffa dejjem ta importanza lis-settur tal-allievi. Is-Soċjetà tagħna kienet minn tal-ewwel li ntroduċiet it-tagħlim tat-teorija fil-każini tal-baned. Dejjem kompliet tipproduċi bandisti tal-aqwa kwalità b'tagħlim b'xejn lill-allievi tagħha b'għalliema diversi tul l-aħħar snin, kemm fis-sezzjoni tar-ram kif ukoll tal-qasba.

### Mużika

Settur tant marbut direttament mas-Sur Joseph Boffa huwa dak tal-arkivji tas-Soċjetà. Aħna nippossjedu fost l-aktar arkivju vast ta' mużika fost il-baned Maltin. Mużika ta' kull ġenru u żmien, minn klassika u operistika sa dik moderna ta' mijiet ta' kompożituri Maltin u barranin. Fosthom il-mużika ta' Ġużeppi Stivala ex-surmast tal-Banda. Dan it-teżor mużikali kollu natribwixxuh lil Joseph Boffa li matul il-presidenza tiegħu sena wara oħra mela s-Soċjetà b'manuskritti ta' mużika li jfawru l-arkivji tagħna. Dan jgħodd ukoll għall-marċi brijużi u funebri ta' diversi surmastijiet Maltin li nippossjedu.

### Recordings

Joseph Boffa kien ukoll strumentali biex il-Banda tagħna kienet pijuniera f'recordings ta' marċi brijużi u funebri. Permezz tal-istudios tiegħu l-Banda bdiet tirrekordja l-ewwel casettes fil-bidu tas-snin tmenin u aktar tard saru diversi CD albums b'mijiet ta' marċi. Recordings tal-aqwa kwalità li jibqgħu tifkira tal-president ħabrieki tagħna.

### Is-Sede De Paule

L-ewwel xogħlijiet saru f'nofs is-snin tmenin (1985). Hawn inbniet is-sala t'isfel fejn illum hemm il-bar u sala oħra fuqha. Infetħu s-swali ta' fuq bl-arkati. Il-każin beda jiġi dekorat kif jixraq. Saru xogħlijiet oħra fis-snin disgħin meta nbena t-taraġ għas-sular ta' fuq u saret il-kamra tas-segretarju u toilets fis-sulari ta' fuq. Xogħlijiet aktar estensivi kellhom isiru f'nofs is-snin disgħin (1995) fejn ukoll kien hemm ħsara strutturali fis-soqfa u l-ħajt li jagħti fi Triq l-Arkata li kien f'periklu kbir li jikkollassa. Minħabba dawn il-ħsarat u b'ċertifikat ta' periklu mill-Perit Piju Busuttil il-kumitat kellu jidħol għall-piż kbir. Bl-għajnuna t'Alla x-xogħol sar u tlesta u l-każin beda jiġi wkoll dekorat kif jixraq. Hawnhekk kien inxtara u tħallas post ġdid li jmiss mal-każin u li l-kumitat ġab il-permess li jniffdu

mal-istess każin u mingħand parti mill-istess sidien tal-każin. Għalhekk inxtrat id-dar tmiss mal-każin fi Triq l-Arkata. Taħt il-presidenza tas-Sur Joe Boffa l-każin kompla jiġi attrezzat b'opri mill-isbaħ u l-aktar prestiġjużi. Insemmi biss ftit minn dawn l-akkwisti bi sforz minn kulħadd iżda taħt it-tmun ta' Boffa: Arkivju tal-gewż mastizz mhux rikk biss fid-dehra iżda wkoll fil-kontenut mużikali tiegħu: grand pjanu, strumentatura kompluta, statwa ta' Kristu Re li llum hija l-vara titulari tal-parroċċa, swali mill-isbaħ, bar attrezzat għall-membri li ġie rinovat minn żmien għal żmien, sala għall-attivitajiet fis-sotterran tal-każin.

### Servizzi Mużikali

Taħt it-tmexxija ta' Joe Boffa l-Banda De Paule ħadet sehem fil-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa kollha li saru u fil-festi titulari fi ġranet differenti. Dan ma kienx sehem sfurzat iżda sehem ta' banda mill-aqwa armata bl-aqwa elementi u bi prestazzjoni tal-aqwa marċi brijużi u funebri u mużika addattata fi programmi mużikali. Il-Banda De Paule ħadet sehem f'għexieren ta' festi madwar Malta u Għawdex. Taħt is-Sur Boffa l-banda ħadet sehem f'kull attività importanti f'Raħal Ġdid bħal rebħ tal-Kampjonat minn Hibernians F.C., pussessi ta' kappillani u qassisin ġodda, il-miġja tal-Papa u l-aħħar tislima ta' diversi persuni li servew fil-kumitat jew kienu bandisti tas-Soċjetà fost oħrajn.

### Sotto-Kumitati

Joseph Boffa mhux biss irnexxielu jqajjem interess fil-Banda iżda wkoll jiġved ħafna u ħafna persuni lejn din is-Soċjetà biex tagħmel ħoss f'oqsma oħra. Taħt il-presidenza tiegħu fl-1985 twaqqfet l-Għaqda Dilettanti tan-Nar De Paule li bdiet tieħu inizjattivi relatati mal-festa l-aktar fin-nar. Din il-fergħa welldet interess ġdid fost ħafna dilettanti tal-festa u minn nar wasslet biex fl-1991 titwieled il-Kummissjoni Żgħażagħ De Paule. Ħolma ta' Boffa li dejjem xtaq jiġbed aktar żgħażagħ lejn il-każin. Pass kbir biex is-Soċjetà ħadet spinta f'kull qasam u s-suċċess li nkiseb huwa indiskuttibbli. L-Ingliżi jgħidu *the writing is on the wall* u s-Soċjetà saret attiva s-sena kollha b'attivitajiet soċjali ta' kull tip, sehem attiv fil-Milied b'attività kbira u armar mill-aqwa li għamel isem is-Soċjetà, wirjiet fil-Ġimgħa Mqaddsa u armar tal-festa mill-isbaħ flimkien ma' marċi brijużi mill-aktar popolari u mfittxija mid-dilettanti Maltin. Fuq kollox festa ta' Kristu Re li kompliet tikber tul is-snin tal-Presidenza tas-Sur Boffa bis-sehem kbir tas-Soċjetà kemm fl-organizazzjoni tal-festi esterni bħal marċi, briju u nar kif ukoll fl-armar li tipposjedi s-Soċjetà u l-planċier tal-banda, ħolma oħra tal-President li qed issir realtà grazzi għall-Kummissjoni Żgħażagħ.

### Avvenimenti Importanti

F'dan l-omaġġ lill-aktar president li qatt dam imexxi lis-Soċjetà De Paule irrid insemmi ftit mill-avvenimenti prinċipali li jidhirli li seħħew taħt il-presidenza tiegħu.

| | |
|---|---|
| Lulju 1985 | Festi tal-75 Anniversarju tal-Qawien mill-Ġdid tas-Soċjetà (1910) - Kxif ta' Rħama Kommemmorattiva fil-Każin De Paule mill-ET is-Sinjorina Agatha Barbara - President tar-Repubblika. |
| Lulju 1986 | Titwaqqaf l-Għaqda Dilettanti tan-Nar u jinfetħu l-ewwel swali fil-Każin u l-ewwel opri fosthom bust tal-Ex-Surmast Joseph Stivala, Bandalora rrakkmata u pittura ta' Kristu Re. |

| | |
|---|---|
| Jannar 1988 | Il-Banda De Paule tirbaħ il-Konkors Nazzjonali tal-Baned Maltin. |
| Novembru 1991 | Titwaqqaf il-Kummissjoni Żgħażagħ De Paule. Is-Soċjetà tagħmel l-ewwel talba biex Raħal Ġdid ikollu vara titulari. |
| Ottubru 1992 | Isir l-ewwel Kunċert Annwal fl-Istitut Kattoliku fil-Floriana u jibda jsir il-qafas tal-planċier għall-banda. |
| Jannar 1993 | Il-Banda tas-Soċjetà tiġi dedikata lill-Patrun u tibda tissejjaħ Soċjetà Fil. De Paule, Banda Kristu Re, AD. 1898. Jinħatar Archibald Mizzi bħala surmast. |
| Novembru 1994 | Il-Banda tirbaħ l-International Brass and Woodwind Festival. |
| April 1995 | L-Ewwel żjara ta' Banda Maltija barra mill-Ewropa. Il-Banda Kristu Re iddoqq fil-Kanada u l-Istati Uniti. |
| Awwissu 1996 | Mawra tal-Banda fl-Awstrija u l-Ġermanja. |
| Awwissu 1997 | Mawra tal-Banda fl-Awstrija u l-Ungerija. |
| Lulju 1998 | Festi Ċentinarji tas-Soċjetà (1898). Kxif ta' Rħama Kommemorattiva fis-Sede De Paule mill-ET. Dr. Ugo Mifsud Bonnici, President tar Repubblika fil-preżenza tal-Prim Ministru Dr. Alfred Sant. Tinġieb għall-ewwel darba l-istatwa ta' Kristu Re ta' Camilleri Cauchi fis-Soċjetà. |
| Ġunju 1998 | Il-Banda mistiedna ddoqq f'Marsilja fi Franza fl-okkażjoni tas-26 Ċentinarju mit-twaqqif ta' Marsilja. |
| Novembru 1989 | Il-Banda Kristu Re tilqa' l-ewwel vara titulari f'Raħal Ġdid. |
| Diċembru 1999 | Il-Banda Kristu Re tagħmel marċ il-Belt fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju ta' Malta Repubblika. |
| Lulju 2000 | Is-Soċjetà torganizza l-Festi tal-Millenju f'Raħal Ġdid - De Paule 2000. |
| Novembru 2001 | Kunċert mill-Banda Kristu Re f'Dar il-Mediterran, fl-Okkażjoni tat-375 Anniversarju mit-Twaqqif ta' Paola u kxif ta' rħama kommemorattiva fil-Każin De Paule. |
| Lulju 2002 | Il-President Boffa jiffirma l-ewwel ftehim mal-Kurja dwar il-Festa Titulari. |